**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 10 ta' Marzu 2021**

**Rikors Numru: 134/2018 MLF**

**Awtorita' tal-Ippjanar**

**Vs**

**Joseph Abela**

Il-Qorti

1. Rat ir-rikors ta' Joseph Abela li permezz tieghu talab li din il-Qorti primarjament tiehu l-azzjonijiet kollha u necessarji sabiex il-petizzjoni ai termini ta' l-artikolu 5 tal-Avviz Legali 276 tal-2012 jinstema u jigi deciz, u sussegwentement (u jekk ikun il-kaz) tghaddi sabiex taqta' u tiddeciedi li l-pretensjoni vantata mill-Awtorita' tal-Ippjanar hija wahda infondata fil-fatt u fid-dritt, u dan wara li fl-istess rikors Joseph Abela ippremetta s-segwenti:

   Illi l-Awtorita' tal-Ippjanar permerz ta' ittra ufficcjali, datata 7 ta Mejju 2018 (Nru. 1216/18) intavolata ai termini tal-artikolu 100 (5) u (6) tal-Kap. 552 tal-Ligijiet ta' Malta fejn *inter alia* interpellat lir-rikorrent sabiex ihallasha s-somma ta' tmint elef, erba mija u hamsin Ewro (€8,450.00) rapprezentanti hlas allegatament dovut lill-istess Awtorita' bhala multa ghal kull gurmata skond ir-regolament 3 tar-Regolamenti tal-2012 dwar Multi ghal Kull Gurnata (Avviz Legali 276 tal-2012)

rigwardanti zvilupp minghajr permess kif specifikat fl-avviz ta' twettiq numru ECF425/16 matul il-perijodu mit-18 ta’ April 2017 sad-9 ta' Novembru 2017, liema hlas hu dovut skond Invoice numru 9822;

Illi l-pozizzjoni tar-rikorrenti Abela hija li l-pretensjoni tal-Awtorita' sopracitata hija wahda infondata fil-fatt u fid-dritt;

Illi abbazi ta' dan il-fatt, ser jigi intavolata petizzjoni quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni dwar I-Ambjent u l-lppjanar hekk kif tezisti raguni forzanti sabiex dan it-Tribunal jilqa' din il petizzjoni skond ir-regolament 5 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 552.24 Regolamenti dwar Multi ghal Kull Gumata u Multi Amministrattivi;

Illi b'dan spjegat u minghajr pregudizzju ghall-pozizzjoni tar-rikorrenti, din l-Onorabbli Qorti qieghda innizjalment tigi hawn mitluba sabiex tissospendi l-proceduri odjerni u dana sakemm tali petizzjoni tigi ssindikata u talvolta deciza;

Illi subbordinatament il-pretensjoni tal-Awtorita’ hija infondanta fil-fatt u fid-dritt u dana stante li l-Avviz tal-Infurzar (Enforcement Notice) huwa manikati l-elementi necessarji u *ad valitatem* elenkati fl-Avviz Legali 276 tal-2012, inter alia dawk naxxenti mill-Artikolu 3 u 4 tal-istess Avviz.

2. Rat ir-risposta tal-Awtorita’ tal-Ippjanar fejn eccepiet:

Illi r-rikors ta' Joseph Abela ghandu jigi michud, u dana billi r-ragunijiet migjuba minnu in sostenn tar-rikors tieghu huma nfondati, u fattwalment skorretti.

Illi minn qari akkurat tar-rikors wiehed jintebah illi l-posizzjoni tar-rikorrent hi li hu ma jridx ihallas dak dovut lill-Awtorita’ billi ged isostni li ser iressaq "*petizzjoni quddiem t-Tribunal tar-Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar hekk kif tezisti raguni forzanti sabiex dan it-Tribunal jilga' din il-petizzjoni skont ir-regolament 5 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 552.24*"

Il-petizzjoni li r-rikorrent jghid li behsiebu jressaq ma jista' qatt ikun fiha xi siwi jew bazi legali, propju ghaliex il-hlas mitlub mill-Awtorita' (permezz tal-ittra ufficjali

mertu ta' dawn il-proceduri) jirraprezenta propju d-*daily fine* li giet gustament imposta fuq ir-rikorrent Abela skont il-Ligi wara li dan tal-ahhar baqa' (u ghadu qieghed) jwebbes rasu u jippersisti bl-illegalita' mwettqa minnu. U hawn m'ahniex nitkellmu fuq xi nfrazzjoni minuri, izda fuq illegalita' altament grossolana konsistenti minn "zvillupp minghajr permess ta' 1. zewgt kmamar mibnija bil-gebel antik tal-franka, 2. kamra mibnija bil-gebel u miksija bil-gebel tas-sejjiegh ma’ genb il-kamra ezistenti (pre 67), 3. tinda imserha fuq pilastri (bil-gebel tal-franka) u maghluqa bil-hgieg (quddiem il-kamra pre-67), 4. inbena hajt tas-sejjiegh biex inqasmet l-ghalqa, 5. inbniet “swimming pool”: 6. inbniet girna, 7. sar “landscaping” fuq is-sit ikkoncernat, 8. u nbnew hitan tas-sejiegh u tal-franka fid-dahla tas-sit kif ukoll twahhlet xatba tal-injam." Tant ir-rikorrent m'ghandux - u ma jista' qatt ikollu - raguni valida u gustifikata dwar x'hiex jikkontesta l-ammont mitlub mil-Awtorita', illi hu (r-rikorrent), minkejja li jghid li "*tezisti raguni forzanti*" biex tintlaqa’ il-petizzjoni tieghu, jonqos milli jaghti mqar l-icken spjegazzjoni dwar xinhi din "*ir-raguni forzanti”*li, fil-fehma tieghu, ghandha twassal lit-Tribunal u/jew lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex tilqa’ l-kontestazzjoni tieghu.

Illi b’zieda ma dan jigi rilevat li ghad li r-rikorrent kien ilu mgharraf bit-talba ghall-hlas sa mit-22 ta' Marzu 2018 (vide "Dok A" - ittra mibghuta mill-Awtorita’ lir-korrenti li ma glet imwiegba qatt), huwa biss issa, wara li 1-Awtorita’ mexxiet bl-ittra ufficjali mertu ta’ dan ir-rikors, li r-rikorrenti deherlu li ghandu jressaq i1-petizzjonil tieghu - liema petizzjoni, terga u tghid, sallum ghadha qas biss giet ipprezentata! *Caso mai*, hu propju r-rikorrent nnifsu li, bl-intavolar tar-rikors odjern flimkien mal-proceduri li qed jghid li ser imexxi quddiem it-Tribunal, qed iwettaq l-ezercizzju naccettabbli li jzomm fis-sehh pluralita’ ta’ proceduri biex bihom jikkontesta l-istess t-talba ghal hlas tal-Awtorita’. Ir-rikorrent jrid jiddeciedi liema fost dawn il-proceduri behsiebu jzomm fis-sehh.

Illi l-oggezzjoni finali tar-rikorrenti hi ghal kollox priva minn kull siwi u bazi legali, u hi legalment inammissibbli. Apparti li r-rikorrent ghal darb’ohra naqas milli jaghti, imqar l-icken, spjegazzjoni ghala fil-fehma tieghu "*l-Awiz tal-Infurzar (Enforcement Notice) huwa mankanti l-elementi necessarji u ad validatem elenkati fl-Avviz Legali 276 tal-2012*". F’kull kaz, u b'zieda ma dan, ir-rikorrent ma jistax jinqeda b'dawn il-proceduri biex jikkontesta l-mertu per se tal-enforcement notice numru EC 425/16.

Ir-rimedju li ghalih r-rikorrent setgha jirrikorri sabiex jikkontesta l-mertu tal-enforcement notice, kien dak ta' appell mill-istess Avviz a tenur l-Artikolu 97(11) tal-Kapitolu 552 tal-Ligijiet ta’ Malta. Ir-rikorrent naqas milli jappella mill-istess enforcement notice u allura llum gie li ssokkomba, accetta u rrikonoxxa l-ordni kontenuta fl-istess Aviz. Naturalment l-enforcement notice qatt ma gie appellat propju ghaliex ma kien hemm assolutament ebda bazi legali gustifikata fuq x'hiex jigi kontestat. Bid-dovut rigward, jekk hemm xi ghemil "*mankanti*" f'dan il-kaz, dan hu biss l-agir ta' hadd hlief ir-rikorrent innifsu li qed jippretendi li jista' jitla '1 fuq mill-ligi, jikkommetti l-illegalitajiet, jippersisti fl-illegalitajiet tieghu u ma jnehhix l-istess, u mbaghad jintavola rikors bhal ma hu dak odjern, li hu ghal kollox karenti minn bazi legali, biex ingustament jipprova jevita li jhallas il-penali li l-Ligi timponi bhala sanzjoni fuq min, bhal fil-kaz tar-rikorrent, jaggixxi bi ksur manifest tal-Ligi tal-Ippjanar.

Illi peress li r-rikors hu karenti ghal kollox mir-ragunijiet li dwarhom Joseph Abela qed isejjes l-oggezzjonijiet tieghu, u ghalhekk l-Awtorita ma setghetx tressaq risposta aktar dettaljata, l-Awtorita tirriserva li tressaq risposta ulterjuri jekk ikun il-kaz, dejem bil-permess ta' din il-Qorti.

Illi ghar-ragunijiet premessi, it-talba tar-rikorrent sabiex il-Qorti tiddikjara t-talba tal-Awtorita’ intimata bhala wahda infondata ghandha tigi michuda, bl-ispejjez kontra l-istess rikorrent.

3. Rat illi permezz ta’ nota datata 16 ta’ Novembru 2018, ir-rikorrent iddikjara li ma kienx fadallu interess fir-rikors odjern u talab li l-ispejjez ta’ dawn il-proceduri jigu sopportati mill-partijiet b’mod ugwali.

4. Rat id-dokument u l-atti kollha ipprezentati.

5. Semghet it-trattazzjoni finali tal-avukati difensuri tal-partijiet fuq il-kap tal-ispejjez

Ikkunsidrat:

6. Dan il-provvediment huwa limitat biss ghal kap tal-ispejjez, stante li fil-mori ta' dawn il-proceduri, ir-rikorrent ceda il-mertu tar-rikors tieghu, li ghalhekk llum hu ezawrit.

7. Fin-nota ta' cessjoni tieghu, ir-rikorrent talab li dawn l-ispejjez ghandhom jinqasmu nofs bin-nofs bejn il-partijiet. Imbaghad fit-trattazzjoni orali, l-abbli avukat difensur tar-rikorrent spjega din il-posizzjoni billi argumenta li r-rikorrent kien kostrett iwiegeb ghall-ittra ufficjali intavolata mill-Awtorita' intimata billi jipprezenta r-rikors odjern stante li fin-nuqqas, dik l-ittra ufficjali kienet tikkostitwixxi titolu ezekuttiv. Spjega li r-rikorrent ried li l-ewwel tigi deciza l-petizzjoni li r-rikorrent kien ghadu jrid jipprezenta quddiem t-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar sabiex jikkontesta l-multa mertu tal-ittra ufficjali in kwistjoni, u li ladarba dik il-petizzjoni giet deciza ir-rikorrent ipproceda biex icedi l-mertu tar-rikors odjern. Argumenta li ghalhekk ir-rikorrent ma ghandux ibati l-ispejjez kollha tal-procedura odjerna.

8. Din il-Qorti ma taqbilx ma' dawn l-argumenti ghal diversi ragunijiet.

9. Jirrizulta li b'dawn il-proceduri r-rikorrenti kien qieghed jaghmel uzu minn jedd moghti lilu bis-sahha tal-artikolu 100(7) tal-Att dwar l-Ippjanar tal-Izvilupp (Kapitolu 552 tal-Ligijiet ta' Malta) sabiex jopponi ghat-talba ghall-hlas maghmul mill-Awtorita' intimata permezz tal-ittra ufficjali *de quo.* Permezz ta' din l-ittra ufficjali, ir-rikorrent gie mitlub ihallas l-ammont ta' €8,450 rapprezentanti multa imposta mill-Awtrorita' intimata skond ir-regolament 3 tar-Regolamenti tal-2012 dwar Multi ghal Kull Gurnata (Avviz Legali 276 tal-2012) kif specifikat fl-Avviz ta' Twettiq numru ECF 425/16 b'referenza ghall-perjodu mit-18 ta' April 2017 sad-9 ta' Novembru 2017.[1]

10. L-Artikolu 100(7) tal-Kapitolu 552 jipprovdi hekk:

> "*(7) Id-dikjarazzjoni msemmija fis-subartikolu (6) għandha tiġi notifikata lid-debitur permezz ta' att ġudizzjarju u għandu jkollha l-istess effett bħal sentenza finali tal-qorti kompetenti kemm-il darba d-debitur, fi żmien għoxrin ġurnata minn meta ssirlu n-notifika ta' dik id-dikjarazzjoni, ma jopponix dik it-talba billi jippreżenta rikors fejn jitlob li l-qorti tiddikjara l-pretensjoni bħala waħda infondata*."

[1] Ara kopja tal-ittra ufficjali annessa mar-rikors promotur a fol. 4 tal-process.

11. Minn qari ta’ din id-disposizzjoni, jirrizulta b’mod car li l-oppozizzjoni ghall-pretensjoni tal-Awtorita’ intimata tista’ ssir meta tali pretensjoni tkun wahda infondata, u mhux biex id-debitur jakkwista z-zmien. Ghalkemm fir-rikors tieghu, ir-rikorrent ippremetta illi t-talba tal-Awtorita’ intimata hija “*infondata fil-fatt u fid-dritt stante li l-Avviz tal-Infurzar huwa manikati l-elementi ad valitatem elenkati fl-Avviz Legali 276 tal-2012, inter alia dawk naxxenti mill-Artikolu 3 u 4 tal-istess Avviz.*”, il-Qorti tosserva li kemm fir-rikors promotur u anke fil-mori tal-proceduri r-rikorrent naqas milli jindika liema huma dawn l-elementi mankanti. Bl-istess mod, ir-rikorrent naqas milli jressaq provi in sostenn ta’ din l-allegazzjoni tieghu.

12. In oltre, minn qari tad-decizjoni tat-Tribunal ta’ Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar datata 2 ta’ Ottubru 2018, mhux talli ma jirrizultax li l-pretensjoni tal-Awtorita’ intimata kienet wahda infondata, talli l-istess Tribunal kien tal-fehma li “*l-azzjoni in meritu hija wahda gravi, tenut in-natura tal-izvilupp u l-kuntest rurali fejn jinsab, u ghaldaqsant il-multa mposta hija wahda skont il-ligi, u proporzjonata fic-cirkustanzi.*”[2]

13. Dwar l-argument tar-rikorrenti li huwa kien kostrett jintavola r-rikors odjern sakemm tigi deciza l-petizzjoni tieghu, il-Qorti tosserva li l-artikolu 97(11) tal-Kapitolu 552 kien jipprovdi lir-rikorrent il-jedd li jappella kontra l-Avviz ta’ Twettiq li permezz tieghu giet imposta il-multa li taghha l-Awtorita’ intimata kienet qeghda tippretendi l-hlas. Bis-sahha tal-istess sub-inciz, f’kaz illi r-rikorrenti ghamel uzu minn dan il-jedd, l-effetti tal-avviz kienu jieqfu sakemm l-appell jigi maqtugh b’mod finali. F’dan il-kaz, ir-rikorrent naqas milli jipproduci kwalunkwe prova dwar x’kienet ir-raguni ghaliex huwa naqas milli jaghmel uzu minn dan il-jedd moghti lilu mill-ligi, prova din li kien jinkombi fuq l-istess rikorrent sabiex jipproduciha.

14. L-Artikolu 223(1) tal-Kodici ta’ Procedura u Organizzazjoni Civili jipprovdi li kull sentenza definittiva ghandha tikkundanna lit-tellief ghall-ispejjez. F’dan il-kaz ma hemmx “tellief” billi ma hemmx sentenza definittiva fil-mertu. Imbaghad, is-subinciz (3) ta’ dan l-istess artikolu jippreskrivi hekk:

---

[2] Ara d-decizjoni tat-Tribunal ta’ Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar a fol. 25 tal-process.

"*(3) Fil-kazijiet kollha, il-Qorti tista' tordna li kull parti ghandha tbati l-ispejjez taghha, meta kull wahda mill-partijiet tkun it-telliefa f'xi punt tal-kawza, jew meta jindahlu kwistjonijiet difficli tal-ligi, inkella ghal xi raguni tajba ohra.*"

15. Fid-dawl tas-suespost, il-Qorti ma tara ebda raguni ghaliex ghandha tapplika l-Artikolu 223(3) tal-Kodici ta' Procedura u Organizzazjoni Civili. F'dan il-kaz, l-Awtorita' intimata ma kinitx telliefa ta' xi punt tal-kawza u ma ndahhlu ebda kwistjonijet difficli tal-ligi. Konsegwentement, l-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu sopportati interament mir-rikorrent.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti:

1. filwaqt li tastjeni milli tiddeciedi l-mertu tal-vertenza, stante li b'nota tas-16 ta' Novembru 2018, ir-rikorrent ceda l-mertu tar-rikors tieghu, u konsegwentement illum il-mertu huwa ezawrit,

2. tiddeciedi dwar l-ispejjez ta' dawn il-proceduri billi tordna li dawn ghandhom jigu sopportati interament mir-rikorrent.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**